**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-24 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Aldo Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Aldo Cardona iben Carmel u Adalgisa nee Galea imwieled San Giljan nhar id-29/06/1975 u residenti gewwa 33 Sun Flower Crt Flt 1 Triq Ghabex San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 295875M li permezz taghha gie akkuzat talli

*"nhar is-7 ta' Ottubru 2018 f' hinijiet differenti matul il-guranta gewwa fond nru 24 'Helen' Flat 5 Triq il-Fuhhar l-Ahmar, Mgarr*

*Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joanne Sant f' periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif gie iccertifikat minn Dr Stefania Abdilla MD nru mediku 4078 bi ksur ta' l-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 u ksur tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba tikkunsidra lil Aldo Caruana bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49,50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Joanne Sant u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli Ii din il-Qorti jidhrilha xierqa. "*

Rat id-dokumenti kollha prodotta.

Rat id-dikjarazzjoni maghmula minn Joanne Sant fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019 fejn iddikjarat li ma ghandhiex interess f' dawn il-proceduri, irrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u ghazlet li ma tixhidx kontra l-imputat li kien il-*partner* taghha.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara Ii ma ghandhux provi xi jressaq.

Rat li d-difiza iddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli 49, 50, 221(1) u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi wara li rat l-artikoli 49, 50, 221(1) u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lil Aldo Caruana hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu stante nuqqas ta' provi u konsegwentement tilliberah minn kull kundanna u htija.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |